# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 927

KAZ NRU. 1123

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Joseph Agius

u

F.E.V. Electronics Limited

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Illum: 18 ta' Frar, 1998

**Chairman : Is-Sur Anton Debono**

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet irreferita mill-Onorevoli Minstru tal-Harsien Socjali lit-Tribunal Industrijali, permezz ta' ittra datata 26 ta' Marzu 1997, b'referenza MHS/T1/20/97 skond il-provvediment ta' Artiklu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm 8 seduti.

Is-Sur Joseph Agius (l-appellant) kien assistit mill-Avukat Karmenu Mifsud Bonnici u ghal F.E.V. Electronics Limited (il-kumpanija) deher il-Managing Director is-Sur Victor Fenech.

## Xhieda

| | | |
|---|---|---|
| Victor Fenech | - | Managing Director |
| Joseph Agius | - | L-Appellant |
| Charles Cassar | - | Principal Officer - Department of Labour |

## Dikjarazzjoni tal-kaz fil-qosor

L-appellant issottometta li kien ilu mpjegat mal-kumpanija intimata bhala Work Coordinator mill-1 ta'Awissu 1995.

Fit-23 ta'Novembru 1996 kellu accident ta'hruq u kellu johrog bis-sick leave u fi Frar 1997 twaqqfitlu l-paga.

Fis-6 ta'Marzu 1997, l-impjieg tieghu gie terminat ghar-raguni li skond l-ittra tat-terminazzjoni is- "sick leave entitlement" kien gie ezawrit.

B'hekk l-appellant issostni li t-terminazzjoni tieghu mill-impjieg ma kenitx gustifikata.

Il-kumpanija ssottomettiet li nhar it-23 ta'Novembru 1996 waqt li l-appellant kien fuq "optional leave" ikkaguna feriti f'idejh it-tnejn. L-accident li fih l-appellant garrab il-griehi ma kellu ebda konnessjoni max-xoghol tal-kumpanija. L-appellant beda bis-sick leave "full pay" mid-data ta'l-accident u mbaghad kompla bil- "half pay".

Ghalkemm l-appellant ma rritornax ghax-xoghol f'Jannar, il-kumpanija ma ezercitatx id-dritt taghha li titterminalu l-impjieg skond il-ligi anzi nzamm fuq is-sick leave sa Marzu 1997.

L-appellant qatt ma nforma lill-kumpanija meta se jkun f'pozizzjoni li jirritorna lura ghax-xoghol u jkun kapaci jaghqdi d-dmirijiet kollha tieghu li kien jaghmel qabel ma sehh l-istess accident, fosthom ix-xoghol delikat ta'winding ta' "transformers".

Wara li l-kumpanija kunsultat mal-Labour Office u stabbilit li fis-sitwazzjoni l-kumpanija setghet titterminalu l-impjieg skond il-ligi, il-kumpanija, b'ittra datata 6 ta'Marzu 1997, gharrfet l-appellant li l-impjieg tieghu minn mal-kumpanija gie terminat.

Il-kumpanija kkonkludiet l-istqarrija li hi giet konstretta wkoll li tiehu din id-decizjoni minhabba s-sitwazzjoni prekarja prevalenti ta'l-istess kumpanija. Ghall dawn ir-ragunijiet validi il-kumpanija tterminat l-impjieg tal-appellant skond il-ligi.

**Il-kunsiderazzjonijiet**

Il-kumpanija li kellha relazzjonijiet tajba hafna ma l-appellant ma kella ebda hsieb li tittermina l-impjieg tieghu kieku ma nholoqx dan l-accident ta'korriment, ghalkemm il-qaghda finanzjarja tal-kumpanija ma kinitx wahda felici, u kif spjega il-Managing Director il-decizjoni tat-tmiem ta'l-impjieg la kienet wahda spontanea u lanqas facli, ghar-raguni li mhux ta'kemm tittermina kif gieb u lahaq l-impieg ta'wiehed li jkun imharreg f'xoghol speccjalizzat ta'l-elettronika.

Mix-xhieda jirrizulta li wara l-appellant ezawrixxa is-sick leave entitlement skond L.N. 55/77 applikabli ghall-industrija elettronika, il-kumpanija baqghet thallsu ghal xi gimghat, bhala rikonoxximent ghas-servizz tajjeb li kien ikkontribwixxa. Izda l-kumpanija hasset li ma kinitx f'pozizzjoni li zzomm (fuq "unpaid leave") ghal zmien indefenit fl-impjieg lill-appellant, ghaldaqstant wara 15-il gimgha assenti mix-xoghol, cioe nar is-6 ta'Marzu 1997, itterminat l-impjieg tal-appellant.

Fis-seduta tas-7 ta'Mejju 1997 l-appellant issottometta lit-Tribunal certifikat mediku datat 12 ta'Marzu 1997 mahrug mill-konsulent ta'l-isptar San Luqa, fejn wara li ta relazzjoni dettaljata fuq l-istat ta'l-idejn l-appellant kompla jghid "his scars are settling with use of a pressure garment. Such burns scars may take 1-2 years to mature fully..... Personally Mr. Agius is fit for light work, which doesn't involve or require any great strength of the right hand...."

Il-kumpanija ddikjarat li dan ic-certifikat , ghalkemm datat 12 ta'Marzu 1997 qatt ma gie pprezentat lilha, u l-ewwel darba li dan ic-certifikat gie ghal konjezzjoni taghha kien waqt is-seduta tat-Tribunal tas-7 ta'Mejju 1997 - xaghrejn wara d-data tat-tmiem ta'mpieg ta'l-appellant.

Il-kumpanija kienet tigi fornuta c-certifikati medici (N.I. 53) "open" li l-appellant kien inkapaci ghax-xoghol minhabba "burns both hands" sa l-ahhar wiehed li kien ircieva bid-data tal-11 ta'Ottubru 1997.

Fl-ahhar seduta tat-Tribunal l-appellant ippresenta certifikat idatat 28 ta'Ottubru mahrug mill-konsulent mediku ta'l-isptar San Luqa, li ghid "...There are early indications which do not require surgery at present. I think that he is fit to resume his normal work at this stage..."

It-Tribunal josserva li z-zewg certifikati tal-konsulent mediku gew ghal konjeżzjoni tal-kumpanija xhur wara d-data tat-terminazzjoni ta'l-appellant, u josserva wkoll li ma nghatat ebda raguni minn naha ta'l-appellant ghaliex ic-certifikat tas-6 ta'Marzu 1997 ma nghatax lill-kumpanija immedjatament minflok li qaghad jistenna xgharejn biex ipprezentah lit-Tribunal.

Legal Notice 55/77 li tkopri lill-impjegati fl-industrija elettronika taghmilha kundizzjoni obbligatorja li wiehed li jkorri fuq ix-xoghol dan ikun intitolat ghal zmien ta'sena full pay waqt li *Sect.15* tal- "conditions of employment /regulations/ Act" tipprojbixxi it-terminazzjoni ta'l-impjieg waqt l-injury leave. Fil-kaz li jimirdu (sick) huma intitolati 12-il jum u 18-il jum full pay u half pay respettivament. Il-kaz li qed jittratta t-Tribunal, il-kumpanija marret oltre l-obligazzjoni taghha ghax baqghet thallas lill-appellant ghal gimghat aktar minn dak stipulat mill-ligi bit-tama li fil-fratemp il-kumpanija tinghata xi hjil meta l-appellant jirritorna ghax-xoghol.

Fil-kaz tas-sick leave, kemm ic-CERA u kif ukoll L.N. 55/77 ma jimponu ebda obbligazzjoni statutorja li l-principal ghandu fil-konfront ta'l-impjegat meta dan jezawrixxi

s-sick leave entitlement a paragun ma' ta meta wiehed ikorri fuq ix-xoghol, ghaliex is-sitwazzjoni hija differenti hafna.

It-Tribunal irid jezamina bir-reqqa l-fatti u s-sitwazzjoni tal-kaz fiz-zmien ta meta l-kumpanija temmet l-impieg ta'l-appellant, cioe fis-6 ta'Marzu 1997.

Il-principju fundamentali tal-gustizzja socjali ma jistax jigi mwarrab, fis-sens li meta wiehed jezawrixxi s-sick leave dan m'ghandux jigi mkecci ghas-semplici raguni ghax ezawrixxa l-leave entitlement, ghalkemm il-ligi ma tispecifikax f'dan ir-rigward. L-aspett socjali huwa sagrosant u ghandu jigi osservat b'tali mod li l-impjegat jitpogga fuq "leave without pay" ghal zmien ragunevoli di[illegible]ent li l-impjegat izomm lill-kumpanija aggornata b'l-izviluppi ta'sahhtu

## Konkluzzjoni

Kieku l-appellant ipprezenta lill-kumpanija c-certifikat tal-konsulent ta'12 ta'Marzu 1997 immedjatament meta dan kien mahrug (jew ahjar kieku dan ic-certifikat ottenjieh gimgha qabel), minflok li dan zammu ghandu ghal xaghrejn, probabilment il-kumpanija kienet tirrikonsidra d-decizjoni taghha, b'mod li l-ezitu tal-kaz forsi kien ikun differenti. In vista ta'l-atitudni ta'l-appellant il-kumpanija ma kienitx f'pozizzjoni li zzomm fuq "leave without pay" ghal zmien indefenit, ghar-raguni li l-appellant seta jibqa ntitolat ghal bonus waqt li dan ma kienx qed jipproduci u fic-cirkustanzi dan il-piz il-kumpanija ma kinitx tiflah ghalih.

Fl-opinjoni tat-Tribunal l-appellant naqas milli jikkoopera mal-kumpanija kif wiehed kien mistenni, ghar-raguni li galadarba hu kien jaf li l-assenza tieghu kienet taffetwa serjament l-andament tal-kumpanija, ghaliex il- "work force" kienet tikkonsisti f'erbgha haddiema biss, b'hekk in-nuqqas tieghu kien ikkaguna impatt substanzjali.

Ghaldaqstant, it-Tribunal iddecieda li fic-cirkustanzi t-terminazzjoni ta'l-appellant kienet gusta u sufficjenti.

Minghajr ebda pregudizzju ghad-decizjoni mghotija it-Tribunal jirrakkomanda li l-kumpanija toffri impieg lill-appellant meta din tkun f'pozizzjoni li tista terga' timpjegah, waqt li l-appellant ikun f'pozizzjoni fizika li jkun jista jaqdi dmirijiet relatati ma'xogholu.

Ghall-finijiet ta'l-avviz legali nru 48 ta'1986 jestabillixxi d-drittijiet ta'min assista bl-ammont ta'Lm 40.00.

B'hekk dan it-Tribunal temm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Anton Debono**
**CHAIRMAN**

**Emma Muscat**
**A/Segretarja**